MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Rikors Ta Revoka Numru. 276/2013

**Maria Carmen *sive* Carmen Micallef (K.I. Nru. 767361M)**

**vs**

**Carmelo Micallef (K.I. Nru. 755060M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors imressaq mir-rikorrent Carmelo Micallef fit-23 ta' Dicembru 2013 li bih, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti, fit-termini tal-artikolu 836(1)(c),(d) u (f) tirrevoka ghal kollox il-mandati ta' sekwestru numri **181/2013** u **124/2013** fl-ismijiet "***Mary Carmen** sive **Carmen Micallef (K.I. Nru. 767361M) -v- Carmelo Micallef (K.I. Nru. 755060M)** mahrugin kontra tieghu mill-intimata ezekutanta Mary Carmen sive Carmen Micallef, kif ukoll taghti dawk l-ordnijiet kollha li jidrilha xierqa.*

Rat id-Digriet taghha tat-23 ta' Dicembru 2013 li permezz tal-istess ordnat lir-rikorrent sabiex jesebixxi kopja legali tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 124/13 u ordnat in-notifika tal-kontroparti b'sebat (7) ijiem zmien ghat-twegiba, kif ukoll appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal nhar l-14 ta' Jannar 2014.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta tal-intimata ezekutanti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2014, fejn ikkonsidrat li kien ghadu ghaddej it-terminu ghar-risposta u, fuq talba tad-difensur tal-intimata, iddifferiet ir-rikors ghal nhar il-21 ta' Jannar 2014.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2014 fejn, meta ssejjah ir-rikors dehru Dr. Keith Borg ghar-rikorrent u Dr. Robert Tufigno ghall-intimata.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet u ddifferiet ir-rikors ghal digriet finali ghas-6 ta' Frar 2014.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka ta' zewg mandati ta' sekwestru kawtelatorji li nhargu kontrih fl-ismijiet "***Mary Carmen*** *sive* ***Carmen Micallef (K.I. Nru. 767361M) -v- Carmelo Micallef (K.I. Nru. 755060M)*****)** li nhargu rispettivament, il-Mandat Numru 124/13 fil-31 ta' Mejju 2013, u l-Mandat Numru 181/13 fil-5 ta' Awwissu 2013.

Jirrizulta mill-atti esebiti li l-**Mandat 124/13** inhareg in kawtela tas-somma ta' mitejn u tmenin elf ewro (€280,000) "*rapprezentanti nofs il-valur ta' depoziti u investimenti ta' flus li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ta' dhul rikorrenti*" tal-partijiet. Il-**Mandat numru 181/13** inhareg in kawtela tas-somma ta’ €122,000

rapprezentanti parti mid-dhul rikorrenti tal-komunjoni tal-akkwisti.

Jirrizulta li hemm proceduri ta' separazzjoni personali pendenti bejn il-partijiet. Dawn il-proceduri jwasslu ghal-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u li l-istess intimata agixxiet in kawtela tas-sehem lilha spettanti minn dawn l-assi.

Ir-rikorrent jilmenta li l-manteniment tal-familja tal-partijiet jiddependi minn sors uniku – cioe` minn kirjiet derivanti mill-beni taghhom. Ghalhekk jghid li l-hrug tal-mandati mertu ta' dawn il-proceduri intalab unikament ghall-skopijiet vessatorji. Sorprendentement, jissokta jghid, bin il-kontendenti, Robert Micallef, hu indikat bhala sekwestratarju f'wiehed mill-mandati surriferiti.

Jghid ukoll li l-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jaghtu garanzija adegwata lis-sekwestranti peress li dawn jinkludu beni immobbli ta' valur oghli fuq is-suq. Hu jelenka dawn il-beni li jinkludu *plot*, garages u *boatyard.*

F'dawn ic-cirkostanzi, jsostni r-rikorrent, l-agir tas-sekwestranti hu abbuziv u illegali u rriserva l-jedd li jiehu passi ulterjuri kontriha ghad-danni u ghall-kundanna taghha ghall-hlas ta' penali skont il-ligi.

Fid-dawl ta' dan kollu, hu evidenti li tezisti garanzija xierqa ohra biex tissoddisfa l-pretensjonijiet tal-intimata; li ma hemmx *prima facie* gustifikazzjoni ghall-hrug tal-mandati imsemmija; u li mhuwiex ragonevoli li jinzammu fis-sehh.

L-intimata irribattiet li t-talbiet odjerni ghandhom jigu respinti in kwantu li hi talbet il-hrug tal-mandati imsemmija sabiex tikkawtela (i) li ma jinhragux flus depozitati mal-banek kummercjali mir-rikorrent odjern u (ii) li d-dhul rikorrenti li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ggenerat minn proprjeta' immobbiljari jibqa' jifforma parti mill-komunjoni, u mhux jintefqu jew jinhbew mir-rikorrent. Hi allegat li zewgha gja beda jisbanka l-flus ad insaputa taghha u sahansitra iddepozitahom fil-kont ta' binhom.

Qalet ukoll li l-mandat ikopri l-flejjes provenjenti minn kirjiet. Irrizulta waqt it-trattazzjoni li ghalkemm hi indikat lill-inkwilini bhala sekwestratarji, il-mandati ma jolqtux il-kirja provenjenti mill-*boatyard*, liema kirja tammonta ghal xi €15,000 fis-sena u tingabar mir-rikorrent odjern.

Hi tikkalkula li d-dhul mill-kirjiet jammonta komplessivament f' €65,000 fis-sena. Zewgha jigbor dawn il-flejjes u ma jaghtihiex soddisfazzjoni jew rendikont tal-flus li jigbor minnhom.

*Inoltre* tghid li dan id-dhul sostanzjali ghandu jigi ikkawtelat u li l-valur tal-immobbli ma jaghmilx tajjeb ghad-dhul rikorrenti, li ghalkemm jifforma parti wkoll minn sehemha mill-komunjoni ghal dawn l-ahhar snin sparixxa jew mhux riskontrabbli imkien.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

Min iressaq talba *a tenur* tal-artikolu **836 (1) tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* ta' att kawtelatorju, hu obbligat li jsostni t-talba tieghu skont xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati fil-paragrafi (a) sa (f) tal-istess **Artikolu 836(1**).

Hu pacifiku li l-ezami li trid taghmel il-Qorti hu dak biss ta' *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza bejn il-partijiet. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, tenut kont li *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari li ghadha qieghda tistenna l-ezitu finali tal-kawza dwar il-mertu. (Ara s-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut*** datata 5 ta’ Ġunju 2003).

Ir-rikorrent jibbaza t-talbiet tieghu fuq tliet kawzali:-:

(i) L-**artikolu 836(1)(ċ)**, liema subartikolu jirreferi għas-sitwazzjoni meta *“jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta’ min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta’ att kawtelatorju ieħor jew*

*inkella dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni"*;

In sostenn tat-tezi tieghu, l-istess rikorrent jirreferi ghall-beni immobbli elenkati fir-rikors promotur li ghandhom "*valur fuq is-suq oghla mill-ammonti li s-sekwestranti qieghda tipprova tikkawtela."*

Izda kif tajjeb osserva d-difensur tal-intimata, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova, lanqas fuq bazi *prima facie* tal-valur ta' dawn il-beni. *Inoltre*, is-sekwestranti agixxiet biex tikkawtela sehemha mid-dhul rikorrenti, attwali u anke precedenti, li jifforma parti mill-assi tal-komunjoni *stante* allegat sottrazzjoni abbuziv da parti tas-sekwestrat.

Jekk dan verament sehhx jew le huwa kwistjoni ta' mertu li ghandu jigi determinat f'gudizzju finali fejn l-assi kollha jigu likwidati, fl-isfond ta' stharrig bir-reqqa u jsiru rendikonti appoziti. Kif gja osservat, il-Qorti, f'dan l-istadju, ghandha biss tiddeciedi fuq bazi *prima facie.*

Ghalhekk tikkonsidra li l-intimata kellha ragun *prima facie* biex tadixxi lill-Qorti in kawtela tad-drittijiet taghha surriferiti. Sehemha mid-dhul jizdied kull sena u huwa dan il-kumulu li qed jigi ikkawtelat bil-mandati msemmija inkluz il-pretensjoni taghha fuq arretrati li taghhom ma nghata l-ebda rendikont amministrattiv.

Ikkonsidrat li filwaqt li l-valur ta' nofs il-kapital hu fiss, l-import mid-dhul rikorrenti jizdied kull sena, u l-immobbli appartenenti lill-assi tal-komunjoni, (li l-valur taghhom hu injot) jistghu ma joffrux garanzija sigura ghall-hlas tal-ammont finali li jista' jispetta lilha.

Galadarba hu r-rikorrent li jigbor il-kirjiet, u dan ma gie kontradett bl-ebda mod, u lanqas jaghti rendikont lil martu tal-istess, hu ragonevoli li martu adixxiet lill-Qrati in kawtela tal-jeddijiet taghha ghaliex altrimenti zewgha jinghata *carte blanche* li jaghmel li jrid minn dan id-dhul li jista' anke jestromettih mill-assi tal-komunjoni a skapitu tad-drittijiet taghha.

Ghalhekk il-Qorti tqis li r-rikorrent ma ppruvax din ir-raguni.

ii) Illi subartikolu ieħor ċitat mir-rikorrent bħala raġuni għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat huwa **836(1)(d),** li jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn *"jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv"*;

Illi fis-sentenza "***Av. Carmelo Castelli noe vs Focal Maritime Services et."*** datata s-26 ta' April tas-sena 2002, il- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qagħlet hekk:

*"Skont l-**artikolu 836(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' ġustifikat jew ikun eċċessiv, jew jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed 'prima facie' u l-Qorti m'għandiex tidħol fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tal-kawża bħal jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant"*;

Illi l-Prim'Awla tkellmet b'iktar preċiżjoni dwar is-subartikolu 836(1)(d) fil-kazfl-ismijiet "***Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea"*** tad-29 ta' Lulju 2005:

*"L-**artikolu 836(1)(d)** jiddisponi li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m'huwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa*

*f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti.*

*Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat"*.

Illi huwa ċar li r-rikorrent bl-ebda mod ma wera li l-intimata m'ghandhiex bazi legali biex tirnexxi fit-talba ghall-hrug tal-mandati imsemmija. *Inoltre* l-ammonti likwidati fil-mandati m'humiex ikkontestati.

Fit-trattazzjoni rrizulta mhux kontradett li r-rikorrent kien qed ihallas €500 fix-xahar lil martu bhala manteniment u li d-dhul komplessiv mill-kirjiet jammonta ghal €65,000 <u>fis-sena.</u>

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent bl-ebda mod ma wera li l-Mandati in eżami huma esaġerati fid-dawl tat-talba jew li huma tant grossolani li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat;

iii) Illi l-aħħar artikolu ċitat mis-soċjetá intimata għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat huwa artikolu **836(1)(f)** li jiddisponi hekk**:**

*"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

Illi sabiex issir din l-analiżi wieħed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-Mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi minn kliem il-liġi stess joħroġ ċar li sabiex jitwarrab mandat (jew parti) abbażi ta’ dan is-subartikolu hu meħtieġ li jkun hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi mid-data tal-ħruġ tal-Mandat;

Illi tant hu hekk li fis-sentenza suċċitata fl-ismijiet "***Stanley vs Galea"*** il- Qorti fl-analiżi tagħha tas-subartikolu **836(1)(f)** reġġħet iċċitat il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta’ Mandat:

*“Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista’ toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta’ dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta’ dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu”*;

Ir-rikorrent jilmenta li b'effett tal-mandat, hu m'ghandux disponibbilta' biex imantni lill-familja. Madanakollu jirrizulta li l-mandati ma ssekwestrawx id-dhul ta' circa €15,000 mill-kirja tal-*boatyard.* Dan l-ammont jingabar mir-rikorrent wahdu u jista’ jkopri l-ispejjez tal-familja.

Ghalhekk ir-rikorrent ma pprovax a soddisfazzjon tal-Qorti li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi jew li qed isofri xi pregudizzju sproporzjonat li jista' forsi, iwassal ghar-revoka tal-mandat.

Fl-ahharnett il-Qorti tirribadixxi li l-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tieghu, protezzjoni bikrija mahsuba mil-ligi sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-ghan ta' Mandat kawtelatorju hu li *jiffriza* l-qaghda sakemm il-kwistjoni tigi determinata definittivament u kif ghandu jkun fuq il-mertu.

Il-Qorti ghal dawn il-motivi, hi tal-fehma li ma jissussistix ir-ragun dedott a bazi tal-artikolu 836(1)(f), u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet taghha, qed tichad it-talbiet dedotti

minn Carmelo Micallef bir-rikors odjern bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-intimata ezekutanta Maria Carmen *sive* Carmen Micallef, **tichad** it-talbiet tar-rikorrent odjern Carmelo Micallef imressqa bir-rikors tieghu tat-23 ta' Dicembru 2013 ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha ta’ din il-procedura a karigu tal-istess rikorrent Carmelo Micallef.

**Degretat**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------